

Brussell, 27 ta' April 2018
(OR. en)

8282/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0029 (NLE)

SCH-EVAL 85
FRONT 106
COMIX 209

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) / Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8281/18
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal- Estonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Estonja fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art fl-2016.

2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul dik l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Estonja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fit-13 ta' April 2018.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 8281/18, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
